**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Andrew Buhagiar**

Kaz Numru:90/16

Illum, 28 ta' Settembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrew Buhagiar, ta' 57 sena, iben Alfred u Emilda nee' Pace, imwieled Valleta, fis-7 ta' Novembru, 1958 u residenti 52 Triq Hurds Bank, Marsakala, detentur ta' karta tal-identita' 741958 (M):

Talli f'xi hin bejn it-tmienja (0800hrs) ta' filghodu tas-6 ta' Frar, 2015 u t-tmienja (0800hrs) ta' filghodu tat-8 ta' Frar, 2015, gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa;

a) Ikkometta serq ta' vettura bil-mutur tal ghamla Toyota tip HI Ace bin-numru tar-registrazzjoni FAB406 ghad-detriment ta' Simon Peter Cassar, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-valur;

b) Talli nhar il-11 ta' Mejju, 2015 u xhur ta' qabel, gewwa garaxx go Sqaq il-Fwieni, Zabbar, volontariament ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mitejn tnejn u tletin ewro, u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad detriment ta' Simon Peter Cassar.

c) Ukoll talli irrenda ruhu tecediv ai termin tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tornda lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artilou 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz ghalhekk is-Social Inquiry Report.

Ikkunsidrat

Illi l-ufficjal prosekutur iddikjara fis-seduta tallum li l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu kif ukoll is-*social inquiry report*. Fic-cirkostanzi tqis li ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation biex ikompli jircievi l-ghajnuna u direzzjoni ghal hajtu kif ukoll jaghmel ammont ta' sieghat bhala servizz fil-komunita'.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 261(b)(c), 263, 267, 278(2), 280 (2) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet li ngabu fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sena (1) skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u inoltre' tpoggih taht ordni ta' servizz fil-komunita' u tordna lill-hati jaghti sittin (60) siegha fil-komunita'.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' elf euro (€1,000) lil Simon Peter Cassar u dan fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat